**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Marzu 2025**

**Rikors guramentat numru : 74/2022 fl-ismijiet**

**JZM f'isimha proprio u f'isem uliedha minuri CZM u JN Z M**

**vs**

**JZ**

**IL-QORTI:**

**Rat ir- Rikors guramentat ta' JZM fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-25 ta' Mejju tas-sena 2002, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **Dok A.**

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, u cioe' C li twieldet fit-30 ta' Ottubru tas-sena 2006, u J N li twieled fil-25 ta' Lulju tas-sena 2012, u li ghalhekk ghadhom it-tnejn minuri, u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati **Dok B** u **Dok C** rispettivament.

3. Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u vjolenza domestika kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

4. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju u dan minhabba intransigenza da parti tal-konvenut, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat **Dok D**.

5. Illi l-esponenti flimkien mal-minuri JN kellhom jallontanaw ruhhom mid-dar matrimonjali fix-xahar ta' Marzu tas-sena 2022 stante illi l-konvenut irrendilhom hajjithom fl-istess dar impossibbli minhabba minacci, sevizzi u ingurji gravi.

6. Illi prezentement il-konvenut u l-minuri C qeghdin jirrisjedu fil-fond matrimonjali, b'dan illi l-minuri lanqas qeghdin jiltaqghu.

7. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri C u JN jehtieg li tigi affidata lill-attrici fl-ahjar interess tal-istess minuri.

8. Illi jehtieg li jigi iffissat manteniment ghall-attrici u ghal uliedhom C u JN , ahwa ZM .

9. Illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta u likwidata.

10. Illi l-attrici tixtieq li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M .

Ighid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ZM u Z minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u vjolenza domestika kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.

3. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominandi.

4. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri C u JN tigi affidata esklussivament lill-attrici.

7. Tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attrici, lil uliedhom C u JN lli ghadhom minuri manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skont il-bzonnijiet tal-istess attrici u ulied, u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita' ta' hin, lok, u gurnata ta' pagament li tigi ukoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut.

8. Tawtorizza lill-attrici tirriveri ghal kunjom xbubitha u cioe' M .

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

**Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-atti tal-medjazzjoni numru 877/2021 VZ, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.**

**Rat ir-Risposta Guramentata tal-Konvenut JZ fejn eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi rigward l-ewwel u t-tieni premessi hemm qbil.

2. Illi rigward t-tielet premessa jigi rilevat li l-esponenti qieghed jirrespingi minghajr ebda rizerva u ser jikkontesta bil-qawwa dak kontemplat f'din il-premessa stante li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba l-agir irresponsabbli tal-attrici, b'tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici, stante li r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg huma mputabbli lilha esklussivament u dan minhabba agir rresponsabbli da parti taghha fosthom sevizzi, eccessi, minacci ingurji gravi u vjolenza domestika kommessi mill-attrici fil-konfront tal-esponenti, kif ukoll vjolenza fizika tal-attrici fir-rigward tat-tifla minuri C , kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza, li kkontribwixxa ghac-cirkostanzi prevalenti fiz-zwieg taghhom, u di piu' li l-attrici sahansitra abbandunat id-dar matrimonjali u fejn arbitrarjament u unilateralment hadet lit-tifel tal-Partijiet maghha, minghajr l-ebda access ghat-tifel ma' missieru u ma' ohtu C li tirrisjedi fid-dar matrimonjali mal-esponenti missier u dan ghal diversi gimghat, u dan kif se jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.

3. Illi rigward r-raba' premessa, jigi rilevat li l-esponenti qieghed jirrespingi minghajr ebda rizerva u ser jikkontesta bil-qawwa dak kontemplat f'din il-premessa stante li l-medjazzjoni bejn il-Partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju minhabba l-intransigenza tal-attrici u n-nuqqas ta' interess tal-attrici fil-process bonarju sabiex il-Partijiet jaslu f'separazzjoni bonarju.

4. Illi rigward il-hames premessa, l-esponenti qieghed jirrespingi minghajr ebda rizerva u ser jikkontesta bil-qawwa dak kontemplat f'din il-

premessa stante li kienet l-attrici li arbitrarjament, unilateralment u minghajr raguni valida, iddecidiet li tabbanduna d-dar matrimonjali, oltre li tiehu maghha lit-tifel minuri JN,  sabiex tkisser u tfarrak il-familja, li tant hija ghall-qalb l-esponenti, li hi taf ben tajjeb, illi di piu' jinghad li bl-ebda mod m'hu minnu li l-esponenti irrendilhom hajjithom fl-istess dar impossibbili minhabba minacci, sevizzi u ingurji gravi, tant li t-tifla C  kienet u qaghda qed tirrisjedi fid-dar matrimonjali mal-esponenti missier, u di piu' kienet l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta' minacci, sevizzi u ingurji gravi, tant li waslet li refghet idejha fuq it-tifla minuri C , kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza.

5. Illi rigward is-sitt premessa, filwaqt li huwa minnu li l-esponenti u t-tifla minuri qed jirrisjedu fil-fond matrimonjali, kienet l-attrici li abbandunat id-dar u ddecidiet minghajr raguni valida li taqbad u tiehu lit-tifel ta' 9 snin maghha, u dan fil-fatt huwa r-raguni ghaliex il-minuri lanqas qedghin jiltaqghu, b'detriment ghat-tfal!

6. Illi rigward s-seba' premessa, l-esponenti jirrespingi dan, u jirrileva li l-kura u l-kusotdja tat-tfal jehtieg li tkun affidata lilu u dan fl-ahjar interess tat-tfal minuri.

7. Illi rigward it-tmien premessa, l-esponenti jirrespingi b'mod assolut manteniment pagabbli lill-attrici, meta l-attrici tahdem u ghandha introjtu tajjeb, kif ukoll li li l-attrici ddekadiet minn dan id-dritt; u rigward manteniment ghal ulied, f'kaz li t-tfal jirrisjedu mieghu, ghandha tkun l-attrici li tivversa l-manteniment lill-missier ghat-tfal minuri.

8. Illi rigward id-disa' premessa hemm qbil.

9. Illi rigward l-ghaxar premessa, ma hemmx oggezzjoni.

10. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici, l-esponenti filwaqt li jaqbel li tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, joggezzjona ghall-ewwel talba attrici u jishaq li s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghandha tigi ddikjarata b'tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici stante li r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg huma mputabbli lilha esklussivament u dan minhabba agir rresponsabbli da parti taghha fosthom sevizzi, eccessi, minacci ingurji gravi u vjolenza domestika kommessi mill-attrici fil-konfront tal-esponenti, kif ukoll vjolenza fizika tal-attrici omm fir-rigward tat-tifla minuri C, li kkontribwixxa ghac-cirkostanzi prevalenti fiz-zwieg taghhom, u di piu', li l-attrici sahansitra abbandunat id-dar matrimonjali u fejn arbitrarjament u unilateralment hadet lit-tifel tal-Partijiet maghha, minghajr raguni valida, kif ukoll minghajr l-ebda access ghat-tifel mhux biss ma' missieru izda ukoll ma' ohtu C li tirrisjedi fid-dar matrimonjali mal-esponenti missier, u dan ghal diversi gimghat, kif se jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.

11. Illi l-esponenti joggezzjona b'mod assolut ghat-tieni talba attrici, u li se mai, din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-istess Artikoli fil-konfront tal-attrici biss u dan stante l-agir irresponsabbli tal-attrici fil-konfront tal-esponenti u dunque ghandha tkun l-attrici li titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-esponenti u dan mid-data illi tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-attrici tkun responsabbli ghas-separazzjoni.

12. Illi l-esponenti jaqbel mat-tielet talba attrici u cioe' li din l-Onorabbli Qorti xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, kif ukoll li din l-Onorabbli Qorti tassenja lill-esponenti l-affarijiet parafernali tieghu, nkluz dotali u jew spejjez li saru qabel iz-zwieg inkluz xoghol li l-esponenti ghamel fid-dar matrimonjali qabel iz-zwieg.

13. Illi l-esponenti jaqbel mar-raba' talba li din l-Onorabbli Qorti tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali, inkluz id-dar matrimonjali; illi din l-Onorabbli Qorti tordna ukoll li l-attrici tivvakka minn kwalsiasi propjeta' appartenenti mal-komunjoni, jekk ikun il-kaz, sabiex l-komunjoni tal-assi jigi diviz.

14. Illi l-esponenti jaqbel mal-hames talba li din l-Onorabbli Qorti tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv; kif ukoll kuratur fl-eventwali kontumacja tal-attrici.

15. Illi l-esponenti joggezzjona mas-sitt talba, stante li l-kura u l-kustodja tal-minuri C  u JN ghandhom jigu fdati esklussivament lill-esponenti u li r-residenza tat-tfal tkun mal-Missier, u dan fl-ahjar interess tal-minuri; illi minghajr pregudizzju ghal dan, dejjem skont dik li tipprovdi din l-Onorabbli Qorti a tenut kont tal-esperti kif ukoll ix-xewqat tat-tfal, ghandu jkun hemm access ukoll tat-tfal mal-genitur li mieghu jew maghha ma jkunux qed jirrisjedu t-tfal.

16. Illi l-esponenti joggezzjoni ghas-seba' talba attrici u cioe', fl-ewwel lok l-esponenti joggezzjoni bil-qawwa kollha u ma jaqbilx mat-talba attrici sabiex l-esponenti jivversa manteniment lill-attrici, stante li

m'ghandhux ikollu obbligu li jivversa manteniment lill-attrici li mhux biss ghandha l-kapacita' li tkun finanzjarjament indipendenti, izda l-attrici ghandha mpjieg fiss b'introjtu tajjeb hafna u li l-esponenti qatt ma nghata sodisfazzjon minnha x'isir mil-flus u jew fejn tiddepozithom; illi di piu' kwalsiasi talba ghal-manteniment pagabbli mill-esponenti lill-attrici ghandha ukol tigi michuda stante li l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand l-esponenti rizultanti tal-agir taghha u li abbandunat id-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida; fit-tieni lok rigward manteniment pagabbli ghat-tfal minuri, ghandha tkun l-attrici li tivversa manteniment adegwat lill-esponenti ghal uliedhom C U JN , li din l-Onorabbli Qorti toghgobha tiffissa skont il-bzonnijiet tal-ulied bil-modalita' ta' hin, lok u gurnata ta' pagament li tigi stabbilita, inkluz rigward l-gholi tal-hajja, kif ukoll, ghat-tnaqqis dirett minn kwalsiasi introjtu tal-attrici; kif ukoll li din l-Onorabbli Qorti tordna lill-attrici thallas nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri; kif ukoll li din l-Onorabbli Qorti tordna li l-esponenti jippercipixxi c-children's allowance.

17. Illi l-esponenti ma joggezzjonax ghat-tmien talba.

18. Illi l-esponenti jaqbel mad-disa' talba, u jirrileva li din l-Onorabbli Qorti tawtorizza ukoll lill-esponenti illi jirregistra s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku.

19. Illi l-esponenti jopponi ghal-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

**Bl-ispejjez kontra l-attrici illi hi minn issa ngunta in subizzjoni.**

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi prodotti mill-partijiet

Rat ir-rapport ta' Bradley Desira pprezentat fit-18 ta' Lulju, 2022[1] u tad-9 ta' Novembru, 2023.[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Fatti</u>**

1. L-attrici tispjega li fl-gherusija li damet xi seba' snin, ghall-bidu kien miexi kollox sew, izda mbaghad beda hiereg il-karattru tal-konvenut fejn ma tantx kien ihobb jitkellem, imma jekk ma tghaddix tieghu kien jinfaqa'. Dan kien iwassal ghal hafna argumenti bejniethom, pero' kienet thobbu u ghalhekk dejjem kienet tiehu pacenzja. Illum tirrealizza li dina hija l-attitudni tal-konvenut u kienet forma ta' kontroll fuqu biex taghmel dak li ried hu.

[1] A fol. 119
[2] A fol. 458

Tishaq li fil-bidu tal-gherusija kienet tahdem gewwa fabbrika, imbaghad bdiet tahdem bhala hairdresser u x-xoghol taghha beda jizdied. Tghid li mill-ewwel, il-konvenut ma kienx ha gost b'dan ix-xoghol u peress li dejjem ried li tghaddi tieghu, waqt li kienet tkun xoghol kien imur jilghab l-isquash u kien jibqa' ma' shabu jixrob u dina l-haga kienet tirrita lill-attrici peress kienet tippreferi li wara li jilghab imur sa hdejha u dan wassal ghal diversi argumenti bejniethom. Meta kien jinduna li kienet ser iddum ix-xoghol kien idendel geddum sal-art. Il-problema ma kienx ix-xoghol, izda l-hinijiet taghha, pero' xoghol ta' hairdressing kien jirrikjedi li tahdem is-Sibtijiet.

Fil-25 ta' Mejju, 2002 izzewwgu u ghal l-ewwel erba' snin kienu gawdew hafna. L-attrici tghid li bhala faccendi l-iktar li kienet taghmel hi u l-konvenut kien semplicement jahsel l-art darba f'gimgha. Kien baqa' jaghmel dak li joghgbu tghid l-attrici u ma kinitx tindahhalu.

Tlett xhur wara li twieldet it-tifla, l-attrici regghet harget tahdem u peress li l-konvenut kien jahdem bix-xift, kien ighin billi jzomm it-tifla. Fil-verita' tammetti hi regghet harget tahdem sabiex il-familja ma kien jonqosha xejn u kienet decizjoni iebsa ghalija u minflok sabet is-sapport da parti tal-konvenut, iktar kien beda jghajjarha li postha kien id-dar mat-tifla.

Xtaqet tieqaf izda kienet taf li ma setghetx. Izzid tghid li meta bdiet tahdem is-Sibtijiet u gieli l-Hdud, iktar beda jizdied l-inkwiet bejniethom. Kienet irregistrata bhala persuna *part-time self-employed.* Il-konvenut kien jibqa' bin-nervi gurnata kollha u anke sal-Hadd. Meta t-tifel kien ikollu lezzjonjiet tal-muzika, muzew jew il-football, kienet tahdem sas-1 p,m , izda peress li kienet tispicca tahdem hinjiet twal is-Sibtijiet, malli kienet tidhol id-dar ma kienx ikellimha u kien jaghmel gurnata jinjoraha. Sadanittant, ghalkemm kien ikun id-dar, il-konvenut

ma kien jaghmel xejn sabiex ighinha. Fost il-gimgha ma kinitx iddum xoghol minhabba l-impenji tat-tfal.

Ghalkemm il-konvenut ma xtaqx izjed tfal, sabiex ikollhom inqas responsabbilitajiet, twieled Jann fil-25 ta' Gunju, 2012. Minn wara t-twelid tieghu, l-attitudni tal-konvenut kompliet tiggrava, kien iktar nervuz u jahtafha kull darba li titkellem. Jekk kien hemm xi intopp minhabba t-tfal, minkejja li t-tnejn kienu jahdmu dejjem kien jippretendi li l-attrici ghandha tirranga sabiex tiehu hsieb it-tfal u dan wassal sabiex tilfet xi klijentela peress li tkun hassritilhom l-appuntament.

L-attrici tkompli tispjega li l-konvenut kien persuna egoista u kien jippretendi li meta jirritorna lura mix-xoghol issib lill-attrici hemm tistennih. Ma kienx juriha rispett lanqas u anke wara gurnata xoghol ma kienx imur jaghmlilha x-xirja, kien ikollha tmur hi. Meta kienet tispicca x-xoghol is-Sibtijiet kien ikollha tmur taghmel ix-xirja u ssajjar ghax il-konvenut ma jkun ghamel xejn. Kien ighin fil-*homework* u anke fil-giri tal-attivitajiet extra-kurrikulari, izda l-attrici tghid li l-istess kienet taghmel, imbaghad recentement il-konvenut kien beda jikkowcja t-tennis lit-tifla u anke kien ighin lill-minuri bic-cello.

Dwar ir-relazzjoni bejn il-konvenut u t-tfal tispjega li l-konvenut kien missier tajjeb, pero' rari kien ighinhom fl-affarijiet relatati mal-iskola. Kien jipprova jinhabb maghhom u fl-istess waqt imaqdarha quddiem it-tfal. Is-sibitijiet wara l-attivitajiet taghhom, il-konvenut kien jiehu lit-tfal ghand ommha u kienet tmur tara lit-tfal u meta kienet tasal kien ighajjarha ghaliex marret tarahom.

L-attrici tkompli tispjega li kien hemm okkazjonijiet fejn kellha tahdem il-Hdud minhabba precetti jew Grizma, izda dan kien isir bejn tlett darbiet jew erbgha kull sena u kienet tibda minn kmien filghodu u sad-9 am kienet tkun id-dar u kienet issib lil kulhadd ghadu rieqed.

L-attrici tishaq li ma setghetx tibqa' tghix dina l-hajja mal-konvenut u l-unika triq kienet is-separazzjoni. Qabel ma bdiet bis-separazzjoni kienet talbitu sabiex imorru *family therapy* jew ghal *marriage counselling*, izda dejjem irrifjuta.

Tghid li meta l-konvenut kien imur id-dar, kien qisu wiehed dannat u taghmel x'taghmel qatt ma kien ikun bizzejjed. Kienet ghalhekk spiccat tiehu l-kalmanti u dan l-iktar minhabba l-mod ta' kif kien jittrattaha. Meta talbitu jghidilha ghalfejn kien jittrattaha hekk, tghid li kien qalilha li kien imdejjaq hafna u jekk ma kienx ghat-tfal kien inehhi ruhu b'idejh. Sadanittant, kien irnexxxielu jmur jara lil ibnu wara li kien ilu ma jkellmu.

Il-konvenut kien tkellem ma' omm l-attrici li kienet wissietu sabiex jiehu hsieb it-tfal, izda kien irrispondiha biex ma tindahalx.

Wara dan l-episodju, l-attrici tispjega li l-konvenut kien beda jehodha bhala drawwa li meta s-Sitbijiet kienet tkun xoghol ma jkellmihix u jekk kienet tipprova tieqaflu, kien jibda jghajjarha quddiem it-tfal.

Ittenni li d-decizoni sabiex jixtru t-tieni post kienet spiccat ghat-tifrik totali taz-zwieg taghhom. Kienu ghamlu konvenju, izda minhabba t-tghajjir kontinwu kienet iddecidiet li ma riditx tmur tiffirma l-konvenju u tidhol f''dejn ikbar meta kellhom dan l-inkwiet. Il-konvenut ma kienx japprezza s-sagrifficji li kienet taghmel. Tispjega li l-konvenut ma kienx jifhimha u lanqas kien jikkomunika

maghha. Tikkonferma li kienet hallset €1000 bhala parti mid-depozitu u issa qed jirresisti li jghaddilhomlha peress li hassret il-konvenju.

Minn mindu bdiet bil-proceduri ta' separazzjoni tghid li l-konvenut ma jkellmihix hlief biex ighajjarha u jipprovokaha. F'dawn l-okkazzjonjiet it-tfal kienu jsikktuh u jaqbzu ghall-attrici.

Ir-relazzjoni bejniethom kienet iggravat meta hi u t-tifel kienu barra u sakemm gew lura il-konvneut kien mela lill-minuri kontra ommha u minn dakinhar sallum baqghet ma tkellimix. Kienet tghajjarha b'kull aggettiv u meta t-tifel kien jaraha taghmel hekk kien isir aggressiv fil-konfront taghha. Il-konvenut minflok iwaqqafhom kienet ikompli mat-tifla.

Sfortunatament tghid li t-tifla minuri kienet tipprovokaha in kontinwazzjoni sabiex ikollha xi prova kontriha.

L-attrici tkompli tispjega li meta bdew bis-separazzjoni u kienet tmur id-dar, kemm il-konvenut kif ukoll it-tifla kienu jghajjruha u meta s-sitwazzjoni saret intolerrabbli kienet telqet mid-dar matrimonjali u marret ghand il-genituri taghha, Dan kien f'Marzu, 2022. It-tifla minuri kienet tindahal f'affarijiet li ma kinux jikkoncernawha u kienet twaqqafha u tammetti li kienet qaltlilha li peress li kienu ghaddejja minn separazzjoni setghet ikollha ragel iehor.

Wara li telqu, il-minuri JN  kien ghamel xi tlett xhur li ma riedx ikellem lill-konvenut u ohtu ghaliex kien jara b'ghajnejh x'kien jigri d-dar  u kien ihoss ghall-attrici. Kienet tipprova tikkomunika mal-minuri C  u turiha li thobbha, izda ma kinitx twiegeb jew inkella tirrispondi li kienet ghaddiet gurnata ohra minghajr huha. Il-konvenut kien mela' lit-tifla kontriha u anke jekk kienet tarahom il-futbol

meta kienet tara lit-tifel lanqas kienet tirrikonoxxiha u jekk kienet tipprova tkellimha kienet tibda tidhak f'wiccha.

In kontro-ezami tikkonferma li kienet taqbel lit-tifel isawwat lil ohtu u tghid diskors li sewwa jaghmlilha ghax it-tifla ghandha ilsiena hazin u ghandha d-demm hazin bhal omm il-konvenut u dan peress li l-minuri kienet tinstigah u tghajjru li jixbah lill-attrici. It-tifla kienet tirreferi ghaliha bhala "zibel" u "annimal."

L-attrici tishaq li l-konvenut ma kienx jikkoopera maghha in kwantu jirrigwarda t-tifla minuri u dan kien jinsisti li bhala parti tal-familja setghet tghid li trid. Ghalkemm kienet taghti informazzjoni dwar it-tifel minuri mal-genitur li jkun ser jigborhom, il-konvenut ma kienx jaghmel l-istess.

Meta t-tifla kienet ghamlet l-O'levels, kien baghat jifirhilha izda qatt ma kienet irrispondietu. Tghid li l-minuri ma kinitx irrispondietha.

Tispjega li saret taf li l-konvenut kien qed jiehu lit-tifla ghand terapista u ma kienx ikun prezenti ghal kull laqgha. Kienet tkellmet mal-psikoterapista li kien irrakkomanda li ma tibqax tinsisti mat-tifla ghaliex kien hemm hafna dizgwid fil-konfront tal-attrici.

L-attrici tkompli tispjega li qabel ma bdiet is-separazzjoni kellha relazzjoni tajba mat-tifla u kienu jitkellmu ta' spiss, Imbaghad tant kien mlieha l-konvenut li tbiddlet kompletament. In kontro-ezami tammetti ukoll li meta kienet iddecidiet li titlaq it-tifel ma riedx jitlaq ovvjament, izda ma setghetx titlaq minghajru u setghet hadet it-tifla maghha ukoll, izda kif kienet ma riditx.

Tikkonferma ukoll li kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenut u t-tifla kienu sejrin jixtru gelat u t-tifel ried imur maghhom, Tammetti li ghal ewwel ma riditux imur peress li kienu ser jitilqu, izda mbaghad hallietu.

Tispjega li wara li hareg id-digriet it-tifel beda jara lill-konvenut u dan peress li qabel it-tifel ma riedx jiltaqa' ma' missieru. Dwar it-tifla tispjega li kien hemm okkazzjonijiet fejn marret taraha tilghab it-tennis, izda t-tifla tant kienet tharsilha bl-ikrah jew tidhak f'wiccha li kienet twegga' hafna u ghalhekk iddecidiet li ma tmurx iktar. Kienet ircieviet ukoll telefonata anonima fejn infurmawha li ma kinux qed ihallu lill-konvenut jara lit-tifla peress li kellha hafna tensjoni.

Tispjega ukoll li l-konvenut kien ried it-tfal jaghmlu attivitajiet li kienu joghgbu lilu u mhux necessarjament it-tfal.

Bhala xoghol l-attrici tghid li dejjem hadmet u stinkat sabiex setghu jaghmlu d-dar u ghalkemm il-konvenut kellu mpjieg tajjeb u kien jaqla' paga tajba u anke jahdem *overtime* xorta kien dejjem igerger.

L-attrici tishaq li ma kinux sinjuri izda peress li kienu jahdmu t-tnejn kellhom flus biex jaghmlu kapricc. Tghid li l-konvenut kien jaghtiha parti mill-paga tieghu ghall-hajja, izda dan kienet tiddepositah il-bank u kienet minflok tuzah il-paga taghha u apparti l-ispejjes tad-dawl u ilma u tv u internet, li kien ihallas il-konvenut, l-attrici kienet thallas il-hajja, l-iskola, insurance tat-tifla hwejjeg ghat-tfal u anke tobba u ma kinitx tiddejjaq ghaliex li kienet qed taghmel kienet qed taghmlu ghall-familja, izda darba l-konvenut ried ikun jaf fejn kienet qed tonfoq il-flus li kienet taqla'.

Dwar l-insurance tat-tfal tghid li hemm dawn l-ammonti, €15, 487 u €9317.

Rigward id-dar matrimonjali tikkonferma li tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti u qabel iz-zwieg kienet hallset xoghol ta' finishings, madum, tikhil, aluminium, kamra tal-banju u l-ensuite u xi xoghol tal-Medistone. Il-konvenut da parti tieghu kien ghadda l-ilma, kien xtara xi materjal u wahhal il-kmamar tal-banju u x-shower. Dak iz-zmien tishaq li l-konvenut kien ghadu student u ghalhekk ma tantx kellu flus.

Bhala assi, apparti d-dar matrimonjali, l-attrici tikkonferma li kellhom vettura kull wiehed, kif ukoll xi kontijiet bankarji li kienu qassmu bejniethom u kienu anke qassmu l-kont li fih kienet tfaddal il-flus li kien jaghtiha l-konvenut biex jonfoq mill-paga tieghu. Dwar kontijiet bankarji li jallega l-konvenut li hbiet minnu tikkonferma li dawn kienu kontijiet li kienet fethet qabel iz-zwieg. Il-kontijiet kollox kienu qassmu, hlief dawk li kienu *fixed*, Kien hadilha ukoll il-pagi li kienet tiddeposita minghajr ma qallha xejn.

Bhala djun tikkonferma li ma kellhomx.

Dwar ir-relazzjoni ta' bejn it-tfal tispjega li llum jiltaqghu ghand missierhom, izda t-tifel jinkwieta peress li t-tifla minuri ma tkellimihix.

Dwar kura u kustodja, l-attrici tikkontendi li ma toggezzjonax sakemm ikun hemm kooperazzjoni biex ma jbatux it-tfal.

Dwar manteniment, tispjega li prezentement it-tifel ighix maghha u tiehu hsieb il-bzonnijiet tat-tifel hi, filwaqt li t-tifla tghix mal-konvenut u jiehu hsieb il-bzonnijiet taghha. Jekk kemm il-darba t-tifla tieqaf mill-istudji taghha u t-tifel

ikun ghadu l-iskola, qed tippretendi li l-konvenut jibda jhallas il-manteniment bir-rata li tistabilixxi l-Qorti,

L-attrici telenka l-ispejjez li ghandha[3] u da parti tieghu l-konvenut qieghed ihallas ghal-lezzjonijiet tat-tennis tat-tifla li jammontaw ghal cirka €950 fis-sena. Ghalhekk tispjega li bhala spejjes extra-kurrikulari qedghin ihallsu l-istess. Tghid ukoll li tippretendi li l-konvenut ihallas ghal nofs l-ispejjez edukattivi tat-tifel, li prezentement qed thallashom hi u disposta li thallas ghall-ispejjes ta' privat li t-tifla jkollha bzonn. L-istess ghandu jsir ghall-ispejjez medici bejn il-partijiet.

In kontro-ezami ma setghetx tikkonferma l-introjtu taghha, pero' tghid li forsi kienet taqla' €1000.

**Il-konvenut** jispjega li kien iltaqa' mal-attrici tramite hbieb komuni u kienu bdew johrogu flimkien, fejn l-gherusija damet seba' snin. Kienet gherusija normali fejn it-tnejn kienu jahdmu hafna. Kien iggradwa u beda jahdem bhala *field operator* mal-Oil Tanking Malta Limited fejn kellu introjtu tajjeb, filwaqt l-attrici kienet tahdem go fabbrika u *part-time* bhala *hairdresser,* izda mbaghad iddecidiet li tahdem bhala *mobile hairdresser* u kien appoggjaha.
Kienu xtraw post fil-15 ta' April, 1998 u jghid li kien jistinka hafna sabiex ilesti dan il-post u kien ghamel xoghol ta' dawl, ilma, kisi, tqieghed ta' madum u anke kien bajjad. In kontro-ezami jikkonferma li l-attrici kienet bdiet tahdem qablu u kienet hallset ghal xi finishes fil-post.

---

[3] A fol. 10 tal-affidavit tal-attrici

Jispjega ukoll li kien ihobb jilghab l-isquash, izda maz-zmien minhabba li l-attrici ma kinitx kuntenta kellu jieqaf jipprattika dan l-isport.

Kienu zzewwgu fil-25 ta' Mejju, 2002 u marru joqoghdu fid-dar matrimonjali u cioe' Amanda, Flat 1, Cherebine, Triq it-Tin, Zurrieq u ddecidew li ma jibdewx familja mill-ewwel sabiex igawdu lil xulxin u kienu jsiefru sabiex iqattghu hin flimkien. Kienu bdew jaqsmu x-xoghol fid-dar u l-attrici kienet tiehu hsieb it-tisjir u l-hwejjeg, filwaqt li hu kien jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-post.

Fit-30 ta' Ottubru, 2006, twieldet C  u kienu ferhanin hafna. Wara tlett xhur mit-twelid tat-tifla, l-attrici kienet regghet harget tahdem u kien zbaljat meta haseb li l-attrici ser tqatta' iktar hin ma' bintha. Spicca li hu u C  kienu jqattghu hafna hin wahedhom, ghaliex meta kien ikollu xoghol wara nofsinhar kien joqghod mat-tifla u fejn ma setax kien ighid lin-nanniet sabiex ighinuhom., In kontro-ezami jikkonferma li l-attrici kienet tlestilu kollox li kien relatat mat-tifla.

Gara li ftit zmien mit-twelid ta' C nghata promozzjoni ghall-grad ta' *logistics coordinator* u ma baqax jahdem bix-xift, izda kien jahdem hamest ijiem filghodu mill-ufficju u darba kull tlett gimghat kien ikun on call 24/7 ghal gimgha shiha. L-attrici tul dan il-perjodu baqghet tahdem bl-istess ritmu u ghalhekk kien difficli biex tqatta' l-hin maghhom. Kellhom ghalhekk iduru ghall-ghajnuna tan-nanniet, l-iktar materni.

Fil-25 ta' Lulju, 2012 twieled it-tifel JN  u l-konvenut jammetti li ghal bidu ma riedx izjed tfal peress li kienu jahdmu hinijiet twal, izda l-attrici xtaqet li jkollhom wild iehor u accetta. Wara tlett xhur li kien twieled it-tifel, l-attrici regghet marret

lura tahdem, bis-Sibtijiet u l-Hdud inkluzi. L-attrici kienet tqatta’ iktar hin ix-xoghol u kien jiehu hsieb it-tfal.

Il-konvenut izid ighid li kien ighin hafna fl-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tfal u kien anke rranga sabiex certu attivitajiet jaghmluhom is-Sibt sabiex l-attrici ma jkollix ghalfejn isuq it-tfal u fl-istess waqt kien jirrispondi l-emails relatati max-xoghol. Itenni ukoll li kien anke rrifjuta diversi promozzjonijiet fix-xoghol tieghu u dan sabiex ighin lit-tfal u jkollu mohhu mistrieh li javvanza fl-iskola u fil-passatempi taghhom.

Ighid li l-attrici ma kinitx tafdah u kienet akkuzatu li kellu relazzjoni ma’ wiehed li mieghu kien jilghab l-isquash u kienet anke xerdet dettalji dwar il-prestazzjonijiet sesswali tieghu maghha, tant li sallum shabu stess tax-xoghol ighiruh bihom.

Xi erba’ snin ilu, il-konvenut jishaq li l-attrici kienet qed iddum eccessivament ix-xoghol nhar ta’ Sibt u anke t-tfal bdew isaqsu ghaliha ghaliex kienu jhossu n-nuqqas taghha. L-attrici kienet qaltlu biex ma jindahalx f’xogholha u kienu spiccaw tant kienu jillitikaw li ghamlu zmien li lanqas baqghu jitkellmu u kien hemm zmien li l-attrici kienet qalet lil C i kienet marret ghand avukat sabiex tipprocedi bis-separazzjoni, izda mbaghad bidlet fehma minhabba t-tfal.

Ghamlu zmien fejn l-attrici naqset mix-xoghol is-Sibtijiet u kienu mexjin ghall-ahjar, izda ma tantx baqghet hekk.

Id-distakk bejniethom sehh wara li l-attrici bdiet tattendi *fitness classes* u kienet bidlet l-istil taghha u zzommha izjed. Kien jidher li kellha hafna kunfidenzi mal-*instructor* taghha li riedha fil-business mieghu, izda madanakollu jghid li kien

jafdaha. L-attrici kienet tinsisti li tiehu lit-tifla maghha ghal dawn il-klassijiet u l-preokkupazzjoni tieghu kienet li kull darba kienu jirritornaw lura jillitikaw u kien car li kien hemm xi haga li kienet turta lill-minuri C.

Tul dan iz-zmien kien beda jinduna li anke t-tifel kien jitbieghed minnu. Meta l-attrici waqfet dawn il-klassijiet bdiet torqod mat-tfal bl-iskuza li kienet tippreferi toqghod mat-tifel peress li kien iqum ta' spiss. Kien car li l-attrici bdiet taghti iktar attenzjoni u importanza lit-tifel milli t-tifla u beda jitbieghed izjed minnu. It-tifla kienet qaltlu li l-attrici kienet tghidilhom li kien ragel hazin li ma kienx ihobb il-familja. In kontro-ezami, il-konvenut jikkonferma li t-tifel kien dam iqum bilejl, izda ma ridux jorqod maghhom u kien jirrabja.

Sentejn ilu l-attrici kienet uriet ix-xewqa li tissepara u dan wara inqala' l-ghawg u dan peress li kienu ser jixtru post iehor u kienu ghamlu konvenju fejn kienu hallsu depozitu. Il-konvenut sar jaf li l-attrici kienet harget taghmel xaghar il-klijenti u dan wara kien hemm ir-restrizzjonijiet tal-Covid u dan wassal ghall-argument kbir bejniethom, tant li l-attrici kkancellat il-konvenju. Kien hemm ukoll pjanijiet sabiex ikabbru d-dar taz-Zurrieq u hawn anke l-attrici bdiet tkaxkar saqajha u ghalhekk ma baqax jafdaha. Ftit wara ircieva ittra minghand avukat tal-attrici sabiex jibdew bil-proceduri ta' separazzjoni.

Kien konvint li l-attrici kienet ilha tippjana li titlaq mid-dar, bdiet iggorr xi affarijiet ftit ftit u l-mod kif kien ikellmu iktar kien konvint li kien jezisti pjan qabel. L-attrici ma telqitx qabel wasal il-playstation li kienet xtrat ghat-tifel, ghax altrimenti kienet taf li ma kienx imur maghha. Waqfitlu ukoll il-cello, meta t-tifel kellu talent u dan sabiex tevita li jkun hemm kuntatt mieghu peress li ssoltu huwa kien jakkumpanjah. In kontro-ezami jammetti li t-tifel kien igerger fuq it-teorija u ried jieqaf idoqq ic-cello, izda kien tip ta' tifel li kollox idejjqu u ghalhekk kellu bzonn jigi ggwidat mill-genituri.

Is-sitwazzjoni marret ghall-aghar ghaliex l-attrici bdiet ssir inkontrollabbli u kienet tattakka lit-tifla sabiex tipprovokah u kienet anke tinstiga lit-tifel minuri biex isawwat lil ohtu. Kienet ghalhekk theddu in kontinwazzjoni bl-avukat. Jammetti li t-tifla kienet tghajjar lil ommha u ghalkemm kien jikkorregiha ma kinitx tieqaf u dan minhabba li kienet imwegga' li ommha kienet telqet mid-dar ma' huha. Jikkonferma li t-tifla ma riditx tmur ma' ommha.

Ighid li l-attrici kienet qaltlu li riedet tifred it-tfal u hekk ghamlet. Jishaq li t-tifel ma riedx jitlaq u beda jokrob lill-attrici, izda haditu ugwalment. Minn dakinhar li l-attrici telqet bit-tifel kien dam sitt xhur sabiex jerga' jara lit-tifel. Kien ghamel minn kollox sabiex jaghmel kuntatt mat-tifel jew jarah, izda l-attrici kienet talaqlu l-bieb.[4]

Kellu jispicca jaghmel rikors sabiex jerga' jara lil ibnu.

Minn mindu t-tifel ighix maghha, jishaq li l-attrici tilfet il-kontroll u d-dixxiplina fuqu, tant li ma jhobbx l-iskola.

Illum ighid li l-attrici m'ghadhiex tahdem ghall-hinijet twal nhar ta' Sibt u anke tmur tara lit-tifel jilghab il-futbol.

Jinnega li kien ditattur kif kienet tghajjru l-attrici u dan meta kien dejjem jafhdaha bil-kontijiet bankarji taghhom. Meta waslu ghas-separazzjoni ppruvaw jaqsmu l-kontijiet bankarji, minn fejn sar jaf li l-attrici kellha diversi kontijiet f'isimiha li ma kienx jaf bihom qabel. [5]Kienet qaltlu li kien hawn li kienet tpoggi l-flus

[4] Dok.,A anness mal-affidavit tal-konvenut.
[5] Dok. F anness mal-affidavit tal-konvenut.

minhabba s-separazzjoni u minhabba f'hekk iktar ikkonferma li l-attrici kienet ilha tippjana s-separazzjoni.

Jichad li l-attrici kienet imdejjqa mieghu u dan peress li ftit qabel ma telqet mid-dar kienet ipproponietlu li jibqghu flimkien ghal hames snin ohra sakemm jikbru t-tfal u dan kif jirrizulta minn diversi messaggi li kienet tibghat.[6]

Il-konvenut jispjega li qabel l-attrici ma telqet mid-dar tant kellha hdura lejn it-tifla li donnha kienet trid tissepara minn maghha, Isemmi l-incident fejn l-attrici kienet tat daqqa ta' hartha lit-tifla C, tant li qasmitilha xufftejha u minn dakinhar talbet lill-konvenut jibda jwassalha hu u lanqas ma riedet tehodha ghall-ezamijiet tal-O'Levels.[7]

Ftit zmien wara dan l-incident C nfurmat lill-konvenut li ma riditx tibqa' tmur ghand in-nanna materna wara l-iskola u dan ghaliex kienu jhedduha li ser idahhluha l-Qorti u kienu jghidu hafna kliem kontrih biex ixewwexuha kontrih. Fil-fatt, l-attrici kienet irrapportathom mat-Taqsima tal-Vjolenza Domestika, izda ma kienux ipprocedew kontrihom, pero' l-Appogg kienu rrakkomandawlu sabiex jiehu lit-tifla ghand *counsellor* peress li kellha trawma minhabba r-relazzjoni li kellha mal-attrici.

Kien ghalhekk li beda jiehu lit-tifla ghand il-Psikoterapista Dr.Paul Xavier Sammut u dejjem hallas ghas-sezzjonijiet minn butu u dan sa mis-sena 2022. Izid ighid li dan it-tixwix kien isir anke da parti taz-zijiet materni. Jinnega li hu kien

[6] Dok. B anness mal-affidvait tal-konvenut
[7] Dok. D u Dok. E annessi mal-affidavit tal-konvenut

ha lit-tifla mill-attrici, izda li kienet hi li telqet u lanqas biss tmur taraha tilghab it-tennis, meta tghid li qed timmissjaha.

Jispjega kif l-attrici ddecidiet li titlaq mid-dar matrimonjali, flimkien mat-tifel, waqt li hu u t-tifla kienu l-lezzjonjiet tat-tennis. Jishaq li l-minuri C kienet haditha bil-kbira meta l-attrici kienet telqet ma' huha u kienu damu sitt xhur sabiex setghu jergghhu jaghmlu kuntatt ma' JN.

Sabiex jara lit-tifel kien imur jarah waqt li kien qed ikun jilghab il-futbol, izda t-tifel lanqas kien ikellmu minhabba l-presenza tal-attrici. Isemmi okkazzjoni fejn it-tifel ried imur jiehu gelat mieghu u ma' C u l-attrici ma riditux imur, It-tifel kien imdejjaq ghand nanntu materna u kien beka mieghu li ma riedx jibqa' jghix hemm.[8]

Il-konvenut jammetti li l-attrici rrovinat lill-minuri Jn  u jinstab preokkupat hafna bir-relazzjoni li hemm bejn l-ahwa. Meta jmur ghandhom ghall-access, kien ighajjarha li z-zwieg taghhom kien tkisser minhabba fiha u kien anke jghajjaru li ghalih ma' kienx missieru izda ragel barrani. Peress li wasal f'sitwazzjoni fejn ma setax igharraf lit-tifel izjed kien iddecieda li jitlob lil Qorti sabiex tahtar *child psychologist*. Illum ighid li ghandu relazzjoni ahjar ma' ibnu ghaliex jaf li jhobbu hafna.

Jispjega li meta kien imur jara lill-minuri JN jilghab il-futbol, kien idawwarlu wiccu sabiex ma jkellmux. L-istess kien gara lil bin il-konvenut meta kien imur jarah il-futbol.

[8] Dok. G anness mal-affidavit tal-konvenut

**Assi u Djun**

Bhala assi jsemmi li ghandhom id-dar matrimonjali u karozza kull wiehed. Hu jsuq il-vettura Kia C'eed u J tuza karozza Toyota Ractis.

Il-kontijiet bankarji li kellhom bejniethom kienu qassmuhom qabel ma bdew is-separazzjoni.

Isemmi ukoll li l-attrici kellha xi kontijiet bankarji li sar jaf bihom waqt il-kawza u qed jippretendi li dawn il-flus jinqasmu bejniethom, li huma s-segwenti:-

i) HSBC Acc No. 078-135985-050
ii) HSBC Acc No. 013-099767-051
iii) HSBC Acc No. 078-15985-050
iv) HSBC Acc No. 078-071115-050
v) HSBC Acc No. 013-099767-050
vi) HSBC Acc No. 078-11544-051
vii) HSBC Acc No. 013-112073-001
viii) HSBC Acc No.078-071115-103

Mal-Lombard Bank kien hemm is-segwenti kontijietL:-

i) 01440351176; 0152035117601; 0152135117600; 0152135117601.

Mal-Bank of Valletta plc kien hemm zewg kontijiet li jgibu n-numru 40018581283 u 40024981602.

**Kura u Kustodja**

Il-konvenut jammetti li m'ghandux opposizzjoni li l-kura u kustodja tkun wahda kongunta, anke jekk kemm il-darba r-relazzjoni bejn l-attrici u C hija wahda difficli.

**Manteniment**

Peress li t-tifla minuri qed tghix mal-konvenut qed ihallsilha l-ispejjes kollha. Ghalkemm kien hemm ftehim li l-attrici thallas l-ispejjes kollha tat-tifel dan ma sehhx u minflok ihallas ghall-ispejjes tal-ikel, hwejjeg u attivitajiet sportivi tat-tifel. Ihallas ukoll il-health insurance taz-zewgt itfal.

Jammetti ukoll li prezentement l-ispejjes tat-tifla huwa izjed minn dawk tat-tifel u jiddentifikahom fl-affidavit tieghu.[9]

2. **Vanessa Bonello** in rapprezentanza ta' Lombard Bank ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha diversi kontijiet bankarji fuq isem il-konvenut. Kien hemm *term deposit* li llum huwa maghluq.[10]

Kien hemm ukoll *fixed deposit* li huwa maghluq[11] u iehor u dan huwa f'isem l-attrici.[12] Zewg *fixed term deposits* f'isem l-attrici ukoll, ilkoll maghluqin.[13]

Kien hemm ukoll kontijiet j*oint* li huma maghluqin ukoll. [14]

Ipprezentat ukoll diversi kontijiet ohra li huma kollha maghluqa.[15]

---

[9] A fol. 439
[10] Dok. L
[11] Dok. L1
[12] Dok. L2
[13] Doks. L3 – L 4
[14] Dok. L 5- Doks. L7
[15] Doks. L9 – L15

3. **Bradley Desira** in rapprezentanza ta' Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal fil-kapacita' tieghu bhala *social worker* fi hdan id-Direttorat tal-Court Services. B'referenza ghar-rapport li kiteb u pprezentat fl-1 ta' April, 2022, ighid li kienu saru xi zviluppi fis-sens li t-tifel minuri kien qed imur ghall-access ghand missieru iktar frekwenti, izda t-tifla minuri C baqghet tinsisti li ma riditx tiltaqa' ma' ommha u dan minhabba li baqghet tinsisti li ghandha hafna rabja. Fir-rigward tat-tifla jispjega iktar mit-terapija ma kienx hemm alternattivi ohra.

Jikkonferma li t-tifla tattendi terapija ghand Dr.Paul Xavier Sammut u ghalkemm kien ipprova jikkomunika mieghu sabiex jara jekk kienux saru zvilluppi qatt ma rcieva risposta minghandu.

Dwar in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-genituri jispjega li l-attrici kienet tghaddi informazzjoni dwar it-tifel lill-konvenut, izda dan ma kienx jaghmel l-istess fuq it-tifla u dan fuq talba taghha.

4. **PS** psikoterapista fuq it-tfal jikkonferma li kien isegwi lill-minuri C u kien zamm xi tmien sezzjonijiet b'kollox, hamsa minnhom fil-presenza ta' missierha u tlieta meta l-minuri kienet wahedha. Dawn is-sezzjonijiet kienu saru wara s-sajf tas-sena 2022. Jispjega li kien gie avvicinat mill-konvenut. L-attrici kienet marret darba biss u qatt ma kellu permess mill-attrici, izda peress li kien ikkuntattjat mill-konvenut, li kien qallu li l-minuri kienet ghaddejja minn perjodu difficli minhabba s-separazzjoni tieghu minn ma' martu.

Jispjega li l-attrici kienet ikkuntatjatu biex tkellmu dwar it-tifel JN li kien joqghod maghha u li xtaqet igibu ghandu, izda dan qatt ma mmaterjalizz a. Kienet qaltlu ukoll li timmissja lit-tifla C u kien iddispjaciha kif graw l-affarijiet.

C kienet ghaddejja minn trawma minhabba s-separazzjoni tal-genituri taghha u kienet ukoll trawmatizzata minhabba l-glied li kienet tara, kif ukoll ma kinitx kuntenta bis-sitwazzjoni prezenti. Mis-sezzjonijiet li zamm mal-minuri jirrizulta li ma kinitx ippreparata li tirrikonoxxi lil ommha. Kienet thoss indifferenza totali lejha, Il-fatt li ommha kienet telqet u haditilha lil huha kienet haga kbira ghaliha. Izid ighid li skond ma kienet tghidlu l-minuri, meta l-attrici kienet qed tkun qed tiggieled maghha u mal-konvenut, kienet tghidilhom li l-aqwa li ghandha l' JN ghax b'hekk ghandha kollox.

Ighid li l-minuri kienet ammettiet mieghu li ghalkemm kienet taf li jifhimiha kien difficli sabiex ighinha ghax riedet il-familja lura, izda kienet taf li ma kinitx haga possibbli.

Jispjega li l-minuri C kienet ammettiet mieghu li l-attrici kienet tipprova taghmel kuntatt maghha, izda hi ma kinitx trid taf biha.

Jikkonferma li l-minuri C ghandha bzonn psikoterapija u dan l-iktar peress li zzomm go fiha u b'hekk il-trawma taffetwa l-*patterns of thinking, feeling and behaving*, li tista' twassal ghall-affarijiet ohra u f'dan is-sens ikun hemm bzonn ghajnuna medika u cioe' psikjatra biex tkun tista' tghin lilha nnifisha. Hu jipprova jghaddi lill-attrici minn metamorfosi li tfisser li l-ghajnuna ma tkunx *equated* li ma rridx familja u jrid joholqilha substitute ta' xi haga. Kienet

iddispjacuta li ommha kienet irrappurtatha u dina kienet daqqa ta' harta kbira ghalihom.

5. **MM** , omm l-attrici tghid li l-partijiet kienu dejjem jiggieldu anke meta kienu gharajjes u ta' spiss kienu jhassru anke meta kienu qed jaghmlu l-post, tant li anke sa tlett gimghat qabel iz-zwieg kienu hassru, imbaghad regghu rrangaw u z-zwieg sehh. Il-problemi l-iktar kienu minhabba s-suppervja tal-konvenut ghax dejjem kien irid li tghaddi tieghu.

Wara li zzewwgu tispjega li l-partijiet kienu damu xi erba' snin minghajr tfal u kienu jgawdu hafna.

Tishaq li xi tlett xhur wara li twieldet it-tifla C, l-attrici kienet regghet harget tahdem, fejn xogholha kien ta' *hairdresser* u hawn beda l-inkwiet ghaliex il-konvenut ma kienx ikun kuntent, specjalment peress li kellha tahdem is-Sibtijiet.

Tikkonferma li l-konvenut kien jirrabja mal-attrici u kien xtaq li kienet issib bilanc bejn ix-xoghol u l-familja peress li anke hu kien jahdem bix-xift u kien importanti li jghaddu hin bhala familja u mbaghad in kontro-ezami tghid li ma kinitx maghhom u ma kinitx taf. Tammetti li hi kienet tghid lit-tifla sabiex tnaqqas mix-xoghol sabiex tgawdi l-familja.

Meta twieled il-minuri JN  izjed zdied l-inkwiet ghax il-konvenut kien irid joqghod mat-tfal u anke jekk kien ikollhom xi tieg peress li l-attrici tkun ghamlet xaghar l-gharusa, ma kienx irid imur maghha, anke jekk in-nanna tkun offriet li zzommilhom it-tfal.

Kien jirrabbja jekk bejn klijent u iehor, is-Sibtijiet kienet tmur ghand ommha jekk it-tfal kienu jkunu ghandha. Kien anke jara kif jirrovina l-Milied u dan peress li l-attrici tkun hadmet Lejliet il-Milied u hafna drabi ma kienx imur jiekol maghhom. In kontro-ezami tghid li l-konvenut meta kien jattendi ghall-ikla tal-Milied kien joqghod idahhaqhom, flimkien ma' zewgha u r-ragel tat-tifla.

Il-maggorparti tad-dizgwid bejn il-partijiet kien minhabba x-xoghol tal-attrici u l-konvenut kien jikkastigaha billi ma jkellimhix. L-attrici kienet fethet qalbha maghha u kienet qaltilha li l-konvenut kien kattiv maghha u wara incident li kellha, tant kienet hadet qatgha, li donnha mmutat u kien ghalhekk li haditha ghand tabib, peress li l-konvenut ma kien ghamel xejn. It-tabib kien irrakkomandalha l-kalmanti, izda peress li kienu jraqqduha kienet waqqfet tehodhom.

Tul dan il-perjodu, meta kienet insertat ghand il-partijiet kienet sabet lill-attrici rieqda u kienet ippruvat titkellem mal-konvenut, li minn fuq kien qallha sabiex ma tindahalx fir-relazzjoni taghhom. Ma kienx ikkoopera u ammetta maghha li ser ikompli ma jitkellimx mal-attrici u peress li kienet qed tiehu l-kalmanti kien ser ighoddha bhala mignuna u jehodilha t-tfal.

Tinnega li talabha biex ma tindahalax peress li ma setghetx tifhem il-problemi li kellhom u li kienu relatati mal-hinijiet tax-xoghol tal-attrici.

Eventwalment l-attrici bdiet b'dawn il-proceduri ta' separazzjoni u minkejja l-mod kif il-konvenut kien jittrattaha ma riedx jissepara. Imbaghad kien beda jimmanipula lit-tifla C li wassal sabiex tibda tghajjar lil ommha ukoll. Tinnega li t-tifla kienet waqfet tmur ghandhom peress li kienu jghawwuha kontra missierha l-konvenut u l-iktar forsi kienet tghidilha li hija supperva bhal missierha. Minhabba f'hekk l-attrici kienet talbitha sabiex tmur tghix maghha flimkien mal-minuri JN u accettatha ghax wara kollox kienet bintha.

6. **Joshua Attard**, in rapprezentanza tal-Bank BNF ikkonferma li mir-ricerka li ghamel irrizulta li kien hemm kont kongunt u dan kien maghluq.[16] Kien hemm ukoll diversi kontijiet kurrenti u dawn kienu maghluqin ukoll.[17]

Kien hemm ukoll term accounts.[18]

7. **Charmaine Psaila Raji** in rapprezentanza tal-APS Bank ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizulta kont kongunt li huwa savings account li jgib in-numru 20001576326.[19] Irrizulta ukoll li dan il-kont illum jinstab maghluq.

8. **Dr. Veronica Ellul Federici** tikkonferma li kienet giet inkarigata mill-Qorti biex tkun terapista tat-tifel, u jekk hemm il-htiega anke mal-membri tal-familja. Tikkonferma li kienet iltaqghet mal-genituri individwalment u anke mat-tifel minuri kienet iltaqghet tlett darbiet, minn fejn irrizulta li t-tifel ghandu relazzjoni tajba kemm mal-attrici kif ukoll mal-konvenut u dejjem kien jitkellem pozittiv. Il-problema kienet fir-relazzjoni ma' ohtu C u kienet disposta li tiltaqa' mat-terapista tal-minuri C sabiex forsi jaraw tistax titjieb ir-relazzjoni bejn l-ahwa. Il-minuri JN tkellem dwar aggressivita' bejniethom kemm verbali kif ukoll fiziku, u ghalkemm kien kmieni sabiex tistabilixxi li kien hemm aggressjoni fizika, jirrizulta li kienu jigru wara xulxin u jiehdu l-affarijiet ta' xulxin. Kien hemm iktar inkejja milli xi haga

---

[16] Dok. BNF 1
[17] Dok.s BNF 2
[18] Doks. BNF 3 u BNF 4
[19] Dok. APS 1

ohra. Kien hemm donnu *love-hate relationship* bejniethom u t-tifel kien iddispjacut li ohtu ma kellhiex relazzjoni tajba mal-attrici u ma kinitx tmur ghandhom. Tikkonferma ukoll li ma kienx hemm diffikultajiet sabiex il-konvenut ikollu access ghat-tifel.

Regghet xehdet sabiex taghti *update* tac-cirkostanzi, fejn kienet tkellmet mal-minuri C darbtejn u anke mal-minuri JN u t-tnejn li huma ma jixtiequx ikomplu bit-terapija. Ghal C, donnu thoss li l-affarijiet mhux ser jinbidlu u ma tarax lok li tkompli tur ghandha.

Kienet ukoll iddispjacuta bir-relazzjoni ma' huha. Il-minuri JN ukoll ghandu hafna rabja lejn missieru u ohtu u huwa konvint li ma jridux jiltaqghu maghhom. It-tfal ukoll huma nfluenzati b'dak li jghidu l-genituri peress li hemm nuqqas ta' kooperazzjoni bejniethom.

9. **Joseph Debono,** in rapprezentanza tal-Kummissarju tat_Taxxi pprezenta t-tax registration forms minn fejn jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fl-2002 u sseparaw fl-2022.[20]

Ipprezenta ukoll it-*tax liability statement* tal-partijiet li kienet kongunta.[21] Ipprezenta ukoll il-*non-filer statement* mis-sena bazi 2012 sas-sena bazi 2021.[22]

Jippreciza li ghas-sena bazi 2017, year of assessment 2018, ma gietx *non-filer*, izda giet ipprezentata t-*tax return*, fejn hemm indikat id-dhul tal-partijiet, tar-ragel mill-impjieg tieghu ma' Ivos Malta Limited fejn ircieva paga ta' €32,628 u hallas €4,252 FSS. Ma kienx hemm indikat introjtu tal-attrici.

---

[20] Dok. JD 1 u JD 2
[21] Dok. JD 3
[22] Doks. JD 4- JD 15

Fis-sena bazi 2019, year of assessment 2020, giet ipprezentata t-*tax return* f'isem iz-zewg partijiet u jirrizulta li kien hemm dhul miz-zewg partijiet.

Wara li giet ipprezentata t-*tax return* giet ipprezentata ukoll *adjustment form* u jispjega li dan sehh peress li l-partijiet kienu talbu *tax credit* u dan minhabba "woman returning to employment" u dan ghax l-attrici kienet irritornat lura ghax-xoghol wara iktar minn hames snin. Kienet ipprezentat ukoll l-RA form biex tibbenifika minn tax credit ta' €1330 tar-*returners*.

Dwar is-sena bazi 2020, jispjega li l-konvenut kien anke ghamel *part-time self-employment.*

10. **Dr. Annemarie Cassar**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Vat tispjega li l-attrici hija rregistrata taht l-Artikolu 11 tal-VAT, li jfisser li hija exempt. Ir-registrazzjoni bdiet b'effett mill-1 ta' Jannar, 2018 u n-numru ta' registrazzjoni huwa 24813229 u l-attivita' taghha huwa ta' *hairdressing u beauty treatment.* M'hemm l-ebda VAT dovut sallum. Ma kienx hemm obbligu li ddahhal tax returns minhabba li hija rregistrata taht l-Artikolu 11 u ma qabzitx certu *thresholds* ta' €7000 fis-sena.[23]

11. **PS 2313 Christine Micallef** ipprezentat ir-rapport 6467681/2023 maghmul mill-konvenut.[24]

12. **Joanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ipprezentat dokumentazzjoni relatata mal-istatements bankarji tal-partijiet.[25]

---

[23] Dok. VAT 1
[24] Dok. CM 1
[25] Doks. JB1 – JB 4 u Dok. JB 5-JB 9

13. **Vanessa Bonello**, in rapprezentanza tal-Lombard Bank ipprezentat dokumentazzjoni rigward statements bankarji relatati mal-partijiet.[26]

14. **Dr. Christopher Spiteri**, in rapprezentanza tat-Transport Malta ipprezenta dokumentazzjoni relatata mal-vetturi tal-partijiet li kien hemm u li prezentement hemm registrati.[27]

15. **Lorraine Attard** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ipprezentat diversi dokumenti relatati mal-istatements bankarji tal-partijiet.[28]

16. **Louis Buhagiar**, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta informazzjoni dwar l-employment u registration history tal-partijiet.[29]

17. **Saviour Theuma**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, ipprezenta dokumentazzjoni rigward beneficcji socjali u childrens allowance li jircievu l-partijiet.[30]

18. **Gail Camilleri Scerri**, HR Manager ma' Evos Ltd. Xehdet u pprezentat l-employee handbook tal-konvenut.[31] Ipprezentat ukoll il-kuntratt ta' xoghol tal-konvenut, kif ukoll addendum mal-kuntratt precedenti peress li l-konvenut kien inghata promozzjoni ghal logistics coordinator.[32]

---

[26] Doks. VB 1 – VB 2
[27] Doks. CS 1 – CS 4
[28] Doks. LA 1 – LA 16 u Doks. LA17 – LA 44
[29] Doks. LB 1 – LB 2
[30] Dok. ST 1 – ST 2
[31] Dok. GC 1
[32] Dok. GC 2 u GC 3

Ipprezenta ukoll l-FS3's tal-konvenut bejn il-perjodu 2015 sas-sena 2021 kif ukoll il-payslips.[33]

**Konsiderazzjonijiet**

**Responsabbilita'**

L-attrici fethet dina l-kawza fejn talbet li tigi awtorizzata tissepara minn mal-konvenut u taddebitalu l-minacci, sevizzi u ingurji gravi u vjolenza domestika u minhabba f'hekk il-hajja matrimonjali tfarrket irrimedjabilment.

**Il-Ligi u Gurisprudenza**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi:

***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti***

[33] Dok. GC 4 u GC 5

***abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017:

***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, Illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander**

**Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

L-attrici tikkontendi li l-konvenut minn dejjem kellu diffikolta' sabiex jaccetta x-xoghol taghha bhala *mobile hairdresser*. Fil-bidu l-attrici kienet tahdem go fabbrika u *part-time* kienet taghmel xoghol ta' *hairdressing* u mill-provi mressqa jirrizulta li kien effettivament il-konvenut li kien inkorragixxa lill-attrici sabiex tibda tahdem ta' *hairdresser full-time.*

Dak iz-zmien tal-gherusija kienet tahdem sabiex ilestu l-post u fil-fatt tammetti hi stess li hallset hafna mill-finishes u dan mhux kontradett mill-konvenut. S'intendi l-attrici sadanittant bniet klijentela tajba u ndubbjament ix-xoghol ta' *hairdresser* huwa wiehed impjenattiv u dan iktar u iktar meta tkun wahda *mobile*, tigri minn post ghal iehor.

Il-konvenut da parti tieghu jirribatti l-verzjoni tal-attrici, fejn jinsisti li l-ilmenti tieghu ma kinux jirrigwardaw x-xoghol tieghu, izda l-irresponsabbilita' tal-attrici ghaliex ma kinitx qed issib bilanc bejn ix-xoghol u l-familja.

Hemm verzjonijiet kontrastanti bejn il-partijiet rigward il-granet u hinijiet tax-xoghol tal-attrici ghaliex l-attrici stess tghid li matul il-gimgha ma kinitx tahdem hinijiet twal minhabba li kellha l-impenji tat-tfal. Is-Sibtijiet kienu jirrapprezentaw problema peress hija l-gurnata fejn l-iktar li jkollha xoghol bhala *hairdresse*r u ma setghetx taghmel mod iehor. Jekk kienet tahdem il-Hdud kien minhabba xi tieg u hafna drabi kienet tohrog  mid-dar kmieni u tirritorna sad-9 am meta kienu jkunu kollha reqdin u dan kien jigri rarament.

Il-konvenut isemmi ukoll li kien hemm okkazzjonjiet fejn l-attrici anke dahlet lura mix-xoghol fid-9 pm, izda l-attrici tammetti li dina kienet okkazzjoni wahda u dan kien minhabba li kien habbatha l-kulur.

L-attrici tghid ukoll li setghet tahdem b’mod flessibbli peress li l-konvenut ghamel zmien fejn kien jahdem bix-xiftijiet u ghalhekk seta’ jaghti daqqa t’id. Kienet ukoll issib ghajnuna minghand il-genituri taghha, specialment is-Sibtijiet fejn wara li t-tfal kienu jlestu l-attivitajiet extra-kurrikulari, il-konvenut kien imur bit-tfal ghand il-kunjata li kienet titmaghhom u tahsilhom biex imorru d-dar lesti. Jekk kemm il-darba, l-attrici kienet tmur tarahom bejn klient u iehor, il-konvenut kien ikun lest li jibda ighajjarha u li ma kellhiex ghalfejn tmur biex tisfratta lit-tfal u kien ikollu geddum sal-art.

Din l-attitudni kompliet regolarment fejn il-konvenut kien jaghmel perjodi shah ma kellimhiex. Kien anke jippika mal-attrici li kienet titolbu jmur jaghmel ix-xirja sabiex malli tirritorna lura d-dar kienet issib l-ikel lest sabiex issajjar, izda minn dan l-aspett qatt ma sabet kooperazzjoni da parti tal-konvenut.

L-attrici tammetti li l-genituri taghha ukoll kienu jitolbuha sabiex tnaqqas mix-xoghol u dan minhabba li l-konvenut kien jilmenta maghhom in kontinwazzjoni. Anke jekk dina l-Qorti tmur lura fiz-zmien, meta l-attrici regghet harget tahdem wara tlett xhur mit-twelid ta’ C, kien insulentaha li ma kellhiex ghalfejn tohrog tahdem daqshekk kmieni, meta kienu hekk qablu u di piu’ kienet qalbha maqsuma li ser titlaq it-tarbija, izda l-uniku wens kien li kienet ser tkun ma’ missierha u mhux ma’ terzi.

Il-konvenut ukoll ipprezenta verzjoni kontrastanti fir-rigward tal-fatt li l-attrici ma tantx kienet tiddedika hin ghat-tfal u li kellu jirrinunzja ghal diversi opportuntijiet ta’ promozzjoni fix-xoghol tieghu, Ghandu jigi rilevat illi waqt li

kienu gharajjes il-konvenut kien imur jilghab l-isquash u kien idum ma' shabu u l-attrici kienet tokroblu sabiex imur jaraha. Fiz-zwieg kien hemm zmien fejn inghata promozzjoni u ma baqax jahdem bix-xift u ghalhekk l-attrici kellha ssib il-hin biex tiehu lit-tfal ghall-attivitajiet taghhom u kellha ukoll xi ghajnuna ta' ommha. Jekk kemm il-darba kellha tigbor it-tfal u tkun ittardjat kienet issib il-konvenut jistenna bin-nervi peress li kien irid imur jigri. Hemm provi ukoll li jindikaw li l-konvenut kien isiefer ta' spiss fuq xoghol u l-attrici qatt ma waqfitu u ghalhekk flessibilita' certament kien hemm.

Gie ukoll ikkonfermat mill-partijiet entrambi li l-attrici generalment kien ikollha tikkancella l-gurnata xoghol jekk kemm il-darba t-tfal ma kinux jifilhu. Anke rigward il-h*omework* kienet l-attrici li kienet toqghod maghhom u gieli l-konvenut kien ighin f'xi progett li kien ikollhom, izda dan ma tantx kien ikollhom ta' spiss.

L-attrici tattribwixxi t-tifrik taz-zwieg minhabba l-insulti u t-tghajjir kontinwu li kienet taqla' kontinwament mill-konvenut u kien imaqqdarha quddiem it-tfal u kien ikun sarkastiku maghha jekk per ezempju t-tfal kienu jitolbuha jaraw film flimkien wara li kienet tasal lura mix-xoghol, kien jirrispondi li probabilment il-film setghu jarawh f'nofsilejl.

L-inkwiet donnu zdied meta l-attrici bdiet tattendi *fitness classes* u kienet tiehu lit-tifla C maghha. Il-konvenut donnu jrid jikkonvinci lil dina l-Qorti li l-attrici nbidlet u bdiet tilbes differenti u kienet ukoll qed taghti kunfidenzi zejda lit-*trainer t*aghha. L-attrici tirribatti dawn l-allegazzjonjiet u tishaq li dejjem hadet lit-tifla maghha u ghalhekk ma kellhix x'tahbi. Kienet bniet hbiberija mat-*trainer* u dan peress li riedha tassistih f'xogholu, pero' minhabba li kienet impenjata bizzejjed kienet tibghatlu l-klijenti u di piu' tammetti li ghadha habiba ta' dan it-

*trainer* sallum u ma kien hemm xejn hazin sabiex tipprova tbiddel il-fiziku taghha.

Ghall-konvenut iz-zwieg kien kompla ha daqqa ta' hartha meta l-attrici allontanat ruhha mill-kamra tas-sodda taghhom u bdiet torqod mal-minuri JN. L-attrici tinnega li ghamlet dan u l-partijiet jaqblu li l-minuri kien iqum frekwentement u l-attrici kien ikollha torqod hdejh, izda tinsisti li malli l-minuri kien jorqod kienet terga' tmur lura fis-sodda.

L-insulti, tghajjir, granet fejn il-konvenut ma riedx ikellem lill-attrici bhal donnu jrid jikkastigaha peress li tkun hadmet hinijiet twal ghajjew lill-attrici u din l-infelicita' kompliet tizdied meta l-konvenut beda jghawwi lit-tifla C kontriha u konsegwentement beda t-tghajjir u l-insulti mill-istess tifla. Kien hemm addiritura incident fejn wara l-minuri C bdiet tinsulentaha, l-attrici kienet fajjritilha daqqa u qassmiltiha xufftejha. Kienet anke rrappurtat lit-tifla C u l-konvenut mad-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika.

L-attrici tikkontendi li ma setghetx tghix f'hajja fejn il-konvenut bhala missier kien jaccetta li t-tifla tghajjarha "annimal" u anke "zibel." Il-konvenut kien ukoll qed jaghmel hafna pressjoni fuq it-tfal fejn baqa' jinsisti mat-tifel JN li ghandu jkompli jdoqq il-cello meta t-tifel ma kienx interessat izjed, filwaqt li kien jaghmel hafna pressjoni fuq it-tifla fejn jirrigwarda t-tennis li l-attrici tammetti li kienet giet ikkuntatjatha sabiex jiehdu hsieb it-tifla peress li kienet stressjata wisq ghall-isports li suppost tmur sabiex tiehu gost.

Omm l-attrici tikkorrobora l-verzjoni attrici in kwantu tammetti li kienet tghid lill-attrici sabiex tnaqqas mix-xoghol u dan kien minhabba li l-konvenut kien

jilmenta l-hin kollu. Anke wara li l-attrici kellha incident u baqghet taht xokk spjegat li ma kellhiex ghazla u gibdet l-attenzjoni tal-konvenut biex ibiddel l-attitudni tieghu u minflok qalilha biex ma tindahalx. Wara dan l-episodju l-attrici kellha taghmel zmien tiehu l-kalmanti.

Huwa dispjaci kbir ghal dina l-Qorti tinnota kif wara li l-attrici bdiet turi x-xewqa li tissepara, ir-relazzjoni mhux biss bejn l-attrici u l-konvenut iddeterjorat, izda anke bejn l-attrici u bintha kif ukoll bejn l-ahwa. L-attrici minghajr esitazzjoni ta' xejn tammetti li kienet waqfet tiehu hsieb il-bzonnijiet tat-tifla minhabba t-tghajjir u insulti li kienet giet assoggettata ghalihom minghajr mal-konvenut kien jikkorreggiha. Tammetti ukoll li kienet anke tapprova li JN isawwat lill-ohtu peress li kienet wisq aggressiva u kellha ilsien hazin u kien ihoss hafna bil-mod u kliem dispreggjattiv li kienet tuza fil-konfront taghha.

Il-Qorti hija skuntenta ghall-ahhar meta tara dan il-komportament u degenerazzjoni tar-relazzjonjiet bejn familja, partikolarment meta t-tilwim, il-piki, il-vendikazzjonijiet u t-tghawwir iwasslu ghal relazzjonijiet difficli bejn l-ahwa. Tikkundanna dan l-agir bl-ikbar mod, u minkejja li tapprezza li kull genitur jaghmel hiltu sabiex irabbi lil uliedu fl-ahjar mod, jibqa' l-fatt ukoll li anke jekk hija priorita' li genitur jahdem dejjem ghandu jsib bilanc bejn il-familja u x-xoghol.

Anke jekk l-attrici ghamlet hilitha sabiex tahdem u tistinka ppruvat biex tkun hemm ghall-familja, izda x-xoghol taghha mhux dejjem ippermettielha. Il-Qorti stess ghajjiet taqra' u tifhem kif il-partijiet kienu jahdmu hinijiet twal u jippruvaw jlahhqu ukoll mad-diversi attivitajiet extra-kurrikulari li kellhom it-tfal li ghamlu

hajjithom wisq impenjattiva. Kien ikun iktar facli li kieku illimitaw dawn l-attivitajiet ghal wiehed kull wiehed.

L-atteggjament tal-konvenut zgur ma ghenx ghaliex minflok wera sapport lejn martu li minflok qaghdet id-dar, hadmet u stinkat biex tipprovdi ghall-familja, ghajjarha u irnexxielu jdawwar lit-tifla li l-attrici ma kinitx omm iddedikata u li tat priorita’ ghax-xoghol. L-attrici da parti taghha, setghet forsi taghmel iktar l-almu taghha sabiex issib bilanc ahjar billi tiehu xi granet off u f’granet tahdem inqas, li sa certu punt kienet taghmel meta t-tfal kellhom xi attivitajiet u kienet tahdem sas- 1pm.

Huwa fl-ahhar li l-attrici sgarrat fir-relazzjoni taghha mat-tifla meta primarjament telqet mat-tifel biss u stqarret li hu biss kien jifforma parti mill-familja taghha u anke meta rrapportatha flimkien mal-konvenut mad-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika, izda sa certu punt dina l-Qorti, ghalkemm tikkundanna dan il-komportament, imma tifhem li bhala omm li tigi assoggettata ghal dan id-dizrispett minn bintha tirrapprezenta weggha kbira u dik l-istes weggha twassal ghall-komportament irragjonevoli tal-attrici fejn bhala omm imwegga’ ma tibqax tirraguna izjed.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti thoss li l-attrici ghandha terz mit-tort minhabba eccessi, filwaqt li l-konvenut irrenda ruhu hati, ta’ sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

**<u>Kura u Kustodja</u>**

**Il-Ligi**

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjonijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Infatti, fil-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[34] gie dikjarat li: ***"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal,"*** kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** fejn gie ritenut li ***"r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfa***l".

Fil-kawza **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[35] intqal:

***"Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjonijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Infatti, fil-

[34] ***Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru2668/1996/2RCP***

[35] ***. Rik.Gen.Nru.:571/2021JPG***

kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[36] gie dikjarat li: ***"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal,"*** kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** fejn gie ritenut li ***"r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfa***l".

Fis-sentenza **Gertrude Zammit vs John Mark Zammit** deciza fis-27 ta' Ottubru, 2017 il-Qorti fehmet hekk:-

"***In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Cauchi fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn genituri ma jitkellmux, talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Dina l-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja m'ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigiji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri."***

Stante li fil-mori tal-proceduri, it-tifla C ser tkun saret maggorenni, dina l-Qorti mhix ser tippronunzja ruhha fuq il-kura u kustodja taghha.

Rigward it-tifel JN prezentement ighix mal-attrici u kien hemm perjodu wara li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali mieghu li l-konvenut kien dam xi sitt gimghat fejn ma rahx, minkejja li kien jmur jarah fl-attivitajiet extra-kurrikulari li kien

[36] ***Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru2668/1996/2RCP***

jattendi, ghalkemm it-tifel bil-kemm kien ikellmu ghax evidentement kien jibza mill-attrici.

B'digriet datat 29 ta' Settembru, 2022, dina l-Qorti kienet ordnat l-access ghall-minuri b'access liberu u ghal certu perjodu dan kien qed jahdem, izda recentement, l-attrici bdiet tinsisti li t-tifel huwa taghha u taghmel li trid bih u konsegwentement il-konvenut kien qed jikkomunika direttament mal-minuri, li gieli ma kienx jirrispondi ghall-messaggi tieghu jew kien jirrispondih u jghidlu li ma jridx imur ghandu.

Skond dak li gie redatt minn Bradley Desira, in rapprezentanza tad-Dipartiment ghall-Harsien tat-Tfal, fir-rapport tieghu datat 7 ta' Novembru, 2021, il-minuri Jann kien jippreferi li ma jkollux granet fissi u jkollu liberta' li jmur ghand missieru meta jrid u rrakkomanda li l-access ghandu jkun wiehed liberu u hekk beda jsir ghal certu perjodu.

Illum il-konvenut jilmenta li rega' mhux qed jara lill-ibnu u jissottometti li minhabba l-*parental alienation* da parti tal-attrici ser jispicca ma jarax lill-ibnu izjed.

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-minuri ghandu certi impenji *extra-kurrikulari* apparti l-iskola u Muzew, izda ma gewx indikati l-granet, pero' l-attrici tinsisti li huwa tifel impenjat u ghandu jkun fil-liberta' biex jaghzel meta ghandu jmur ghand missieru u ma kellha l-ebda intenzjoni li ccahhdu.

Il-konvenut xehed ukoll li kien isib intoppi ukoll ghaliex l-attrici kienet taghmel pjanijiet wahedha minghajr ma tikkonsultah bir-rizultat li kienet tirrovinalu l-access u ma tissostitiwix il-granet.

Jirrizulta ukoll li peress li r-relazzjoni bejn l-ahwa mhix wahda idejali u C thossha mwegga' ghaliex l-attrici telqet ma' huha u hallietha d-dar, JN ihossu offiz bil-mod kif ohtu tghid kontra l-attrici u meta tistigah jispicca jsawwatha, haga li l-istess attrici kienet tinkoragixxi minhabba l-ilsien twil tat-tifla kif stqarret fix-xhieda taghha u konsegwentement huwa koncepibbli li l-minuri JN mhux daqshekk herqan li jmur ghand missier.

Ciononostante, il-konvenut jibqa' missieru u huwa dispjacir kbir ghal dina l-Qorti li tara dana d-dizgwid fil-familja li ghandha tkun il-bastun ta' sapport ghal dawn it-tfal. Tifhem ukoll li t-tifel minuri ghandu certi impenji u iktar ma jikber ser jizdiedu, izda jekk kellha thalli l-access liberu kif gie irrakomandat minn Bradley Desira, wisq tibza li din l-istess liberta' ser tigi abbuzata u t-tifel Jann mhux ser jiehu l-izbriga sabiex imur jara lil missieru,

Tenut kont tac-cirkostanzi, ghalkemm il-partijiet mhux qed joggezzjonaw li l-kura u kustodja tkun konguntiva, huwa fatt li m'hemm l-ebda komunikazzjoni tajba bejn il-genituri u l-istess gurisprudenza tghallimna li mhux ghaqli li jkun hemm kura u kustodja konguntiva ghax issir battalja kontinwa bejn il-genituri minhabba piki ta' bejniethom, meta dak li jinteressa dina l-Qorti huwa li d-decizjonjiet jittiehdu fl-ahjar interess tal-minuri u jekk il-kura u kustodja tkun wahda konguntiva dan mhux ser isehh.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti takkorda l-kura u kustodja tal-minuri JN esklussivament lill-attrici, b'dana pero' li l-attrici ghandha tinforma lill-konvenut bi kwalsiasi decizjoni li tirrigwarda l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri, kif ukoll dwar l-andament edukattiv tal-istess minuri.

L-access bejn il-minuri JN  u l-konvenut ghandu jigi ezercitat tal-anqas darba fil-gimgha ghal saghtejn u darba fil-weekend ghal erba' sieghat bl-ghazla li jkun hemm *sleepover* jew le, fejn fil-kaz il-minuri ghandu jmur lura ghand ommu fl-10 am.

**<u>Manteniment ghall-attrici</u>**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-konvenut ghandu mpjieg *full-time* ma' Evos Malta Limited u l-attrici tahdem bhala *mobile hairdresser* u ghalkemm hija rregistrata bhala li tahdem fuq bazi *part-time* fir-realta' l-impjieg taghha huwa wiehed *full-time*. Ghalhekk jirrizulta car li l-attrici ghandha introjtu bizzejjed sabiex tmanti lilha nnifsha u ghalkemm donnha ma kinitx cara fil-kontro-ezami taghha kemm hu l-introju taghha ghaliex ghamlet perjodu ta' zmien tahdem minghajr ktieb kif ammettiet hi stess, mhux ikkontestat li kellha klijentela tajba u dejjem stinkat sabiex ma titlifhomx u kienet taqla' fl-incirka ta' €1,000.

Il-konvenut jahdem ukoll u mix-xhieda u l-kuntratt tax-xoghol tieghu jirrizulta li jircievi s-salarju ta' kull xahar, oltre *on duty allowance*, *decreed bonus u fuel allowance.* Inoltre, mill-FS 3 2021 jirrizulta li l-konvenut kellu dhul gross ta' €36,360 u u dhul nett ta' €28,650 b'paga ta' €2,400 cirka fix-xahar u ghalhekk m'hemmx lok  li jitlob manteniment minghand l-attrici.

**<u>Manteniment ghat-tfal  C u JN</u>**

**<u>Il-Ligi</u>**

Ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta *"**Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.**"*

Inoltre, l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' dettat skond il-mezzi tagħhom, ikkalkulati fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

***"(1) Il-manteniment għandu jingħata skond il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih" u***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust."***

Inoltre, dina l-Qorti rriteniet diversi drabi illi "***dan l-obbligu għall-manteniment mhuwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier iżda huwa obbligu assolut."***[37]

Mill-atti processwali jirriżulta li hemm intiża bejn il-partijiet li kull wieħed minnhom imantni l-wild li jgħix miegħu u cioe' li l-attriċi tmanti lill-minuri JN , filwaqt li l-konvenut imantni lil C , li għalkemm se ssir maġġorenni sakemm tingħata sentenza għadha qed tistudja fuq bażi *full-time.*

Hemm verżjonijiet kontrastanti in kwantu l-konvenut xehed li hu ugwalment qed iħallas għal ċerti bżonnijiet tat-tifel minuri u meta xehed in kontro-eżami jirriżulta

[37] Maria Bugeja pro.et.noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja Cit. Nru. 154/94

li jhallaslu xi lezzjonijiet tal-isports u pproduca provi li hu qed ihallas l-i*nsurances* tat-tfal kuntrarjament ghal dak li tghid l-attrici.

Dwar l-ispejjez edukattivi u tas-sahha, l-attrici qed titlob li l-ispejjez edukattivi u tas-sahha taz-zewg ulied ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet. Il-konvenut da parti tieghu, jinsisti li kull parti ghandha thallas ghall-ispejjez edukattivi u tas-sahha tal-wild li jghix mieghu rispettivament. Imbaghad meta C tieqaf tistudja *full-time* jipproponi li jhallas €300 ghall-minuri JN liema somma ghandha tinkludi fiha l-ispejjez edukattivi u tas-sahha tal-istess minuri. F’dan il-kuntest l-attrici qed titlob li tinghata €450 fix-xahar ghall-minuri, liema somma ghandha tinkludi l-ispejjez edukattivi u tas-sahha, kif ukoll l-ispejjez extra-kurrikulari.

Tenut kont tal-fatt, li C prezentement tghix ma’ missierha u ghadha tistudja fuq bazi *full-time* ukoll, il-konvenut ghandu jipprovi ghall-ispejjez edukattivi u tas-sahha taghha, filwaqt li l-attrici ghandha thallas ghall-ispejjez edukattivi u tas-sahha tal-minuri Jann, filwaqt li l-ispejjez extra-kurrikulari ghandhom jinqasmu bin-nofs.

Inoltre, malli t-tifla C tieqaf tistudja fuq bazi *full-time*, il-konvenut ghandu jipproduci ittra da parti tal-iskola jew istitut jew universita’ fejn tkun itterminat l-istudji taghha t-tifla u ghandu jobbliga ruhu li jibda jghaddi lill-attrici s-somma ta’ **€350 fix-xahar ghall-minuri JN** , liema somma ghandha tinkludi fiha l-ispejjez edukattivi u tas-sahha, kif ukoll spejjes extra-kurrikulari. Tali somma ghandha titnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut u l-employer tal-istess konvenut ghandu jigi mgharraf b’dan l-arrangjament. L-istess manteniment ghandu jibqa’ jithallas sakemm it-tifel JN issir maggorenni jew ikompli jistudja fuq bazi *full-time*, skond liema wahda minn dawn tavverra ruhha l-ewwel.

**Poloz ta' Assikurazzjoni**

Dawn il-poloz ezistenti fuq isem it-tfal ghandhom jibqghu jithallsu mill-konvenut.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Illi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet giet xolta permezz ta' sentenza in parte moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fid-29 ta' settembru, 2022.

**Id-Dar Matrimonjali**

Fiz-zwieg il-partijiet kienu xtraw id-dar matrimonjali u cioe' l-appartament numru 4, "AMANDA," Triq it-Tin, Bubaqra, Zurrieq (illum maghruf bhala Flat 1, 18, Zerniq, Triq it-Tobba Sciberras, Zurrieq) fl-atti tan-Nutar Dr. Antoine Agius datata 15 ta' April, 1998. Skond stima mahruga mill-Perit Mark Borg f'Jannar, 2022 il-fond kellu value ta' €350,000.

Peress li fil-mori tal-proceduri ma saritx valutazzjoni tal-istess fond, dina l-Qorti ser tahtar Perit tekniku sabiex issir dina l-valutazzjoni, sabiex il-fond jitpogga fuq is-suq miftuh sabiex jinbiegh bil-prezz miftiehem u r-rikavat ghandu jinqasam bejn il-partijiet.

**Kontijiet bankarji**

Mir-rizultanzi processwali gie stabbilit li kien hemm diversi kontijiet bankarji f'isem il-partijiet rispettivament, kif ukoll konguntivament. Gie stabbilit ukoll mill-partijiet li qabel ma bdew bil-proceduri ta' separazzjoni kienu qassmu l-flejjes li kien hemm fil-kontijiet bankarji li kellhom, ghajr ghal dawk f*ixed* li ma setghux jaqsmuhom.

Il-kontijiet li kien hemm f'isem l-attrici huma s-segwenti:-

i) BOV 11507836012
ii) Lombard 0152135117600
iii) Lombard 0152135117601
iv) Lombard 01440351176
v) Lombard 0152035117601
vi) HSBC 013-099767-050
vii) HSBC 013- 099767-101
viii) HSBC 013-099767-102
ix) HSBC 013-135985-050
x) HSBC 013-099767-051
xi) HSBC 013-099767-051
xii) HSBC 078-135985-100
xiii) HSBC 013-099767-100

Il-kontijiet li rrizultaw f'isem il-konvneut huma s-segwenti:-

i) Lombard – 01440811493
ii) HSBC 078-118544-050
iii) HSBC 078-118544-051

Il-kontijiet kongunti jirrizulta li kienu s-segwenti:-

i) BOV 40018581283

ii) BOV 40024981602

iii) HSBC 013-112073-050

iv) HSBC 013-071115-050

v) HSBC 078-071115-013

vi) HSBC 078-071115-100

vii) HSBC 013-112073-001

viii) HSBC 078-071115-103

Il-konvenut irrileva ukoll li kien infetah kont f'isem l-attrici mal-HSBC pero' ghan-nom tat-tifla C  li jgib in-numru 078-135985-100 u dan ghandu jigi assenjat lit-tifla peress li llum hija maggorenni u l-Qorti tilqa' dina t-talba.

Il-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenut ukoll li l-polza ta' assikurazzjoni li hemm f'isem C  liema polza ggib in-nmumru ta' referenza 110-002876, wara li timmatura ghandha tigi assenjata lil istess tifla.

**<u>Vetturi</u>**

Il-partijiet ghandhom vettura kull wiehed, L-attrici ghandha rregistrata f'isimha vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru ta' registrazzjoni CCG 957, filwaqt li l-konvenut ghandu vettura rregistrata f'ismu tal-ghamla Kia Ceed bin-numru ta' registrazzjoni JOS 023.

Kull parti ghandha zzomm il-vettura li presentement tinstab fil-pussess taghha, b'dana pero' li kull parti ghandha tkun responsabbli ghall-hlas ta' kwalsiasi dejn,

inkluz multi u kontravenzjonijiet u arretrati ta' licenzji u poloz ta' assikurazzjoni li talvolta jista' jkun hemm fir-rigward tal-vettura li se tigi assenjata lilha.

In konkluzjoni, il-Qorti terga' tishaq fuq l-importanza li l-ulied jkollhom relazzjoni tajba bejniethom. Huwa ta' ghajb kbir li l-genituri ma jistghu jiftiehmu fuq xejn. Almenu ghandhom jaghmlu l-isforzi kollha biex l-ulied ma jigux affettwati hazin, u jkollhom relazzjoni dejjiema. Hadd m'ghandu jinsa' li l-ulied ukoll ser jikbru, ser jkollhom il-familji rispettivi taghhom, u ser jkollhom bzonn ta' xulxin – bhal kull familja. Il-partijiet ghalhekk ghandhom jwarrbu d-differenzi ta' bejniethom u jiehdu hsieb li t-tfal jfittxu lil xulxin, ghas-serhan tal-mohh tal-gejjieni taghhom.

**<u>DECIDE:</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi u ngurji gravi, filwaqt terz tat-tort huwa tal-attrici li rrendiet ruhha hatja ta' eccessi u ngurji gravi.
2. Tichad it-tieni talba attrici.
3. Tilqa' t-tielet, raba' u hames talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-akkwisti" u tinnomina lill-perit Elaine Genovese, kif ukoll lin-Nutar Elena Farrugia ghall-eventwali pubblikazzjoni tal-att relattiv, u kuraturi deputati biex jirrapresentaw l-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

4. Tilqa’ s-sitt talba attrici u tordna l-kura u kustodja tal-minuri JN  tigi fdata esklussivament lill-attrici skond kif gie deciz fl-intestatura “Kura u Kustodja”, flimkien mad-decizjoni fuq l-access.
5. Tilqa’ s-seba’ talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas il-manteniment ghall-minuri JN  skond kif gie deciz fl-intestatura “Manteniment.”
6. Tilqa’ t-tmien talba attrici u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe’ M .
7. Tilqa’ d-disa’ talba attrici u tawtorizzaha lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku ta’ Malta.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, kwantu ghal terz minnhom ghandhom jigu sopportati mill-attrici, filwaqt li zewg terzi ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**